MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2010

Appell Civili Numru. 5/2007/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**v.**

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Maria Theresa maghrufa bhala Terry mart Brigadier Arthur Gera, Philip Amato Gauci u Giovanna maghrufa bhala Jean armla ta' Anthony Soler bhala eredi ta' Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfed Gera de Petri bhala prokuratur ta' l-assenti Irene Bache u**

**bhala esekutur ta' l-eredita ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, u b'digriet tas-27 ta' Frar 2009, il-gudizzju f'isem Helen Miles li mietet fil-mori tal-kawza gie trasfuz f'isem Agnese Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, Nicholas Jensen u Irene Bache.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan l-appell jittratta allegazzjonijiet ta' ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-appellant Kummissarju ta' l-Artijiet fi proceduri ta' esproprjazzjoni quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet.

**2.** Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti li jiffurmaw il-bazi ta' dana l-appell, liema fatti jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. B'ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju 1991 l-intimati gew notifikati b'kopja tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra iddikjara illi l-fondi numri 2, 3 u 4 Triq Qrejten, l-Imsida huma mehtiega ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist taghhom ghandu jkun b'xiri assolut.

2. L-intimati gew notifikati ukoll b'Avviz ghall-Ftehim datat 22 ta' Mejju 1991, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita` kompetenti kienet lesta biex thallas ghax-xiri assolut ta' dawn il-fondi huwa ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6,000).

3. B'ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 1991, l-intimati Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Beatricie Amato Gauci (li mietet fil-mori tal-proceduri), Helen Miles (li mietet fil-mori tal-proceduri), Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Alfred Gera de Petri bhala prokuratur ta' l-assenti Irene Bache u bhala ezekutur ta' l-eredita ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq iddikjaraw illi ma kienux qed jaccettaw il-kumpens offrut u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000.00).

4. B'ittra ufficjali ohra ta' l-14 ta' Gunju 1991, l-intimata Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-

assenti Caren Preziosi fost affarijiet ohra iddikjarat li ma taccettax il-kumpens offrut u talbet li dan il-kumpens jkun ta’ hamsa u tletin elf Lira Maltin (Lm35,000).

5. B’cedola ta’ depozitu ipprezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Ottubru 1993, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet iddepozita il-kumpens offert ghall-proprjeta` fuq imsemmija, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88. Skond l-Artikolu 22(5) tal-Kap. 88, dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet, l-ammont offrut lilhom.

6. Fit-3 ta’ Ottubru 1995, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet fetah proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet, fejn fost affarijiet ohra talab lill-Bord jiffissa l-kumpens relattiv.

7. Fir-risposta taghhom, l-intimati kollha, hlief Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, irribattew li l-kumpens kellu jkun fl-ammont ta’ ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000). Mill-atti ma jirrizultax li l-intimati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi ipprezentaw risposta ghar-rikors tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet.

8. B’digriet ta’ l-4 ta’ Ottubru 1996, il-Bord appunta lill-Perit Valentino u lill-Perit Mizzi biex jaghmlu stima tal-fondi in kwistjoni[1].

9. B’nota ipprezentata fis-27 ta’ Jannar 1997, l-intimati kollha, hlief Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, irrikuzaw lil dawn iz-zewg periti u talbu li jigu sostitwiti, stante li dawn il-periti kienu *“ghamlu l-istima fil-kawza l-ohra (Numru 2/94)”* u ghalhekk skond dawn l-intimati, dawn il-periti kienu diga` esprimew opinjoni dwar il-valur tal-fond[2]. Din ir-rikuza saret ghax il-periti kienu ghamlu stima globali ta’ zewg fondi differenti ta’ l-istess sidien fl-istess blokk ta’ bini, cioe` ghamlu stima globali tal-fondi meritu tal-kawza odjerna flimkien mal-fondi meritu ta’ kawza ohra ukoll pendenti quddiem il-Bord. Fil-fatt fir-

[1] Ara fol. 27A tal-process tal-Bord.
[2] Ara fol. 35 tal-process tal-Bord.

rapport taghhom fil-kawza l-ohra fl-istess ismijiet, il-membri teknici tal-Bord, il-Perit Frederick Valentino u Joseph Mizzi, qablu li l-valur tal-fondi urbani (demoliti) 223/224/225/226/227 Marina Street Msida flimkien mal-fondi 2/3/4 Triq Qrejten c/w Triq it-Telgha ta' Gwardamangia, Msida kien ta' mitejn u hamest elef u hames mitt Liri Maltin (Lm205,500.00) fuq il-kumpless intier tal-bini indikat[3].

10. B'digriet tas-26 ta' Awissu 1997, il-Bord issospenda l-inkarigu ta' dawn il-periti, u irriserva li jinnomina periti ohra[4].

11. Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 1998, il-Bord, wara li ippremetta li l-meritu tal-kawza odjerna huwa intimament konness mal-meritu tar-rikors li qed jigi ritrattat, ordna li l-kawza tibqa' differita *sine die* riappuntabbli wara decizjoni finali fil-kaz l-iehor fl-istess ismijiet numru: 2/94[5].

12. Il-kawza regghet giet riappuntata b'digriet tal-Bord ta' l-24 ta' Lulju 2001[6].

13. Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2001, il-Bord innomina lill-AIC Renato La Ferla u AIC Joseph Jaccarini bhala membri teknici biex jistmaw il-fondi in kwistjoni[7].

14. Fis-seduta ta' l-4 ta' Settembru 2003, l-avukat difensur tal-Kummissarju ta' l-Artijiet oppona is-sostituzzjoni tal-membri teknici tal-Bord[8].

15. B'digriet tat-12 ta' Settembru 2004, il-Bord rega' hatar lill-periti Renato La Ferla u Joseph Jaccarini biex jistmaw il-fondi in kwistjoni[9].

16. B'sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, il-Bord qal hekk:

[3] Ara fol. 62 tal-process tal-Bord.
[4] Ara fol. 45 tal-process tal-Bord.
[5] Ara fol. 57 tal-process tal-Bord.
[6] Ara fol. 63 tal-process tal-Bord.
[7] Ara fol. 66 tal-process tal-Bord.
[8] Ara fol. 90 tal-process tal-Bord.
[9] Ara fol. 102 *et seq.* tal-process tal-Bord.

*"4. Ikkonsulta mal-periti mill-gdid li gharrfuh li ma setghawx jaghmlu access iehor billi l-oqsma illum m'ghadhomx hemm u nbena bini iehor mill-awtoritajiet u kienu jistriehu ghal kollox fuq ir-relazzjoni taghhom salv dak li tghid il-ligi dwar kumpens*

*.*

*5. Ra r-relazzjoni tal-periti li kienu stmaw l-oqsma Lm32,796.*

*6. Ra li skond il-ligi llum (art. 25(1), "L-ammont ta' kumpens li jigi determinat mill-Bord skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) m'ghandux jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet."*

*7. Il-Bord hawnhekk ghandu diversi intimati li talbu prezzijiet differenti ghall-istess art, kif ir-rikorrent offra somma wahda bhala kumpens ghall-art. F'dan il-kaz il-Bord jifhem li l-oghla somma hi ta' Lm35,000 li ghandha tipprevali fuq l-istima tal-periti."*

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Bord ordna *inter alia* li l-kumpens dovut ghall-esproprju tal-fondi in kwistjoni kellu jkun ta' Lm35,000, li, skond cedola ta' depozitu tal-21 ta' Ottubru 1993, Lm6000 minnhom huma depozitati taht l-awtorita` tal-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ghal kull buon fini, jigi osservat li r-rapport tal-membri teknici tal-Bord ma jirrizultax li tqieghed fil-process, jew li gie anness mas-sentenza tal-Bord.

17. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet appella minn din is-sentenza. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, huwa ilmenta illi t-tnehhija ta' l-ewwel membri teknici tal-Bord, cioe, il-periti Mizzi u Valentino, kif ukoll in-nomina tal-periti Renato Laferla u Joseph Mizzi (recte Jaccarini) kienet wahda intempestiva stante illi l-procedura ta' ritrattazzjoni ma saritx fir-rikors odjern, izda saret fir-rikors numru 2/94[10] u hija wkoll *ultra vires* il-poteri tal-Bord. Ilmenta wkoll li r-

[10] Fil-fatt saret riferenza kostituzzjonali ukoll mill-proceduri ta' ritrattazzjoni tal-kawza 2/94, u l-proceduri ta' l-appell minn din ir-riferenza jinsabu pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti bhala rikors numru 4/2007, li qed jigi deciz illum stess.

rapport peritali huwa iffirmat biss mill-Perit Renato La Ferla u ghalhekk kellu jsir rapport iehor mill-Perit Joseph Jaccarini. Qal wkoll illi fil-konfront ta' dawk l-intimati li kienu talbu kumpens ta' Lm20,000, il-Bord ma kellux jillikwida fil-konfront taghhom ammont ghola minn Lm20,000.

18. Dan l-appell instema' u gie trattat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) u gie differit ghas-sentenza ghall-24 ta' Jannar 2007.

19. Fl-24 ta' Jannar 2007, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat dan id-digriet[11]:

*"Billi dan l-appell konsimili ghal dawk b'Rikorsi Nru. 1/97 koncernanti allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' disposizzjonijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali, li din il-Qorti jidhrilha li timmerita konsiderazzjoni adegwata fis-sede propja, ghaldaqstant, fil-waqt li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tordna ukoll illi fit-termini ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 l-atti jintbaghtu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex hemm tigi trattata u deciza l-istess materja. Intant l-appell qed jigi differit sine die, riappuntabbli fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet b'rikors ad hoc, u wara d-decizjoni ta' dik il-Qorti l-ohra."*

20. Fir-Rikors Nru. 1/97, fl-ismijiet **Kummissarju ta' l-Artijiet vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et**, imsemmi f'dan id-digriet, il-Qorti ta' l-Appell fl-istess gurnata tat is-segwenti digriet:

*"Ezaminati l-atti ta' l-appelli interposti mill-kontendenti, jirrizultaw dikjaratament fihom aggravji bazati fuq allegazzjonijiet ta' ksur ta' principji Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Hekk ir-rikorrenti qed jallegaw ksur ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). Dan in referenza ghall-proviso introdott bl-Att XVII*

[11] Ara fol. 142-143 tal-process.

*ta' l-2004 ghall-Artikolu 25 tal-Kapitolu 88. Minn naha l-ohra l-Kummissarju, qed jallega ksur tal-principju fundamentali tas-smigh xieraq ghal motiv li l-istima tal-periti Jaccarini u Laferla tivvjola l-principju ta' l-imparzjalita u ta' l-indipendenza;*

*"Il-Qorti jidhrilha li ghall-importanza taghhom il-kontestazzjonijiet tal-lezjoni tal-jeddijiet fundamentali involuti ghandhom jigu mistharrga u approfonditi mill-forum idoneju;*

*"Konsegwentement, fil-waqt li tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tordna wkoll ai termini ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 illi l-atti jigu riferiti lill-Prim Awla, Qorti Civili biex din taghti l-gudizzju taghha fuq dawk il-materji puri ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali. Fil-frattemp, l-appelli qed jigu differiti sine die, riappuntabbli fuq talba b'rikors ad hoc minn xi wahda mill-partijiet, wara d-decizjoni ta' dik il-Qorti l-ohra."*

Din ir-riferenza kostituzzjonali spiccat quddiem dina l-Onorabbli Qorti (Rikors Nru. 4/2007), u giet deciza b'sentenza tal-lum stess.

21. A skans ta' ekwivoci, jinghad mill-ewwel li fil-proceduri odjerni l-intimati appellati mhux qed jallegaw xi ksur tad-dritt taghhom ta' proprjeta` – kif hu l-kaz fir-rikors nru. 1/97, li spicca quddiem dina l-Qorti bhala Rikors numru 4/2007. Fil-fatt l-intimati appellati lanqas biss appellaw mis-sentenza tal-Bord. Konsegwentement id-digriet li tat il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-proceduri odjerni, moqri flimkien mad-digriet li inghata fir-rikors nru. 1/97, jista' jinftiehem biss illi dik il-Qorti kienet qed titlob lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tikkunsidra u tiddeciedi l-allegazzjoni tal-Kummissarju appellant li fil-proceduri quddiem il-Bord gie miksur id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

22. Fin-nota tieghu quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-Kummissarju appellant ghamel riferenza ghan-nota

minnu prezentata fir-rikors fl-istess ismijiet li spicca quddiem dina l-Onorabbli Qorti bin-numru 4/2007 – liema kawza, kif inghad, giet deciza b'sentenza tal-lum stess – f'liema rikors huwa kien indika s-segwenti bhala punti allegatament minnu imqajma fir-rikors ta' l-appell, u li skond huwa kellhom jigu decizi f'dawn il-proceduri ta' riferenza: *"... ... il-ksur tal-principju fundamentali tas-smiegh xieraq billi l-istima tal-Periti Teknici nominati mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet tivvjola l-principju ta' l-imparzjalita u ta' l-indipendenza kif sanciti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni."*[12]

## Is-sentenza appellata

**3.** B'sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet din ir-riferenza billi qatghet u iddecidiet, billi cahdet "it-talbiet ta' indoli kostituzzjonali mressqa mill-Kummissarju ta' l-Artijiet f'din ir-riferenza kostituzzjonali datata 24 ta' Jannar 2007, u dan peress li l-istess huma infondati fil-fatt u fid-dritt", u konsegwentement ordnat lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Qorti ta' l-Appell sabiex l-istess taderixxi ruhha ma' din id-decizjoni; bl-ispejjaz ikunu a karigu tal-Kummissarju tal-Artijiet. Din il-Qorti tosserva hawn li l-mod kif inhi redatta l-parti decizjonali fis-sentenza appellata – bhalma huma wkoll redatti l-partijiet decizjonali fis-sentenzi tal-Prim Awla fiz-zewg kawzi l-ohra, cioe` **Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et**, Rik. Nru 4/2007 u **Kummissarju tal-Artijiet v. Frank Calleja et**, Rik. Nru 6/2007, it-tnejn decizi llum – hija alkwantu infelici, ghax meta si tratta ta' referenza kostituzzjonali, inkluza referenza li ssir skond il-Kap. 319, strettament ma hemmx talbiet ta' parti jew ohra izda kwistjoni li tigi sollevata quddiem qorti (li ma tkunx il-Prim Awla) u li dik il-Qorti tibghat lill-Prim Awla ghad-decizjoni taghha biex in segwitu dik il-Qorti timxi konformement ma' dak li tkun iddecidiet fuq dik il-kwistjoni l-istess Prim Awla (jew, f'kaz ta' appell, il-Qorti Kostituzzjonali).

[12] Ara fol. 152 tal-process in prim istanza.

**4.** Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza, qed tigi annessa kopja tal-imsemmija sentenza tas-27 ta' Novembru 2008 bhala appendici, biex din tifforma parti integrali tal-odjerna sentenza.

**L-appell**

**5.** Il-Kummissarju ta' l-Artijiet hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha. L-aggravju tieghu, ghal dak li jirrigwarda l-kawza odjerna, huwa bazikament wiehed u cioe` li n-nomina tal-Periti Laferla u Jaccarini kienet wahda intempestiva u dan peress li t-talba ghar-ritrattazzjoni saret fir-rikors l-iehor (cioe` 2/94) u mhux f'din il-kawza, u l-ewwel periti ma kienux identifikaw il-valur taghhom specifiku ghal din il-proprjeta` ghaliex taw valur globali ghall-fondi kollha indikati fiz-zewg kawzi u b'hekk ma jistax jinghad li l-istess periti originali esprimew ruhhom fuq il-fondi mertu tal-kawza odjerna.

**6.** Fir-rikors ta' l-appell tieghu, il-Kummissarju appellant jaghmel sottomissjonijiet li ma jirrigwardawx il-fatti tal-kawza odjerna, imma il-fatti tal-kawza fl-istess ismijiet li ghandha r-rikors numru 4/2007, deciza llum minn din il-Qorti. Ir-risposta ta' l-intimati appellati hija replika ezatta tar-risposta li huma ghamlu fil-kawza numru 4/2007 – u dan minkejja l-fatt li hafna mill-fatti huma differenti u ghalhekk hafna mis-sottomissjonijiet huma totalment irrelevanti. Din ic-cirkostanza ser tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjez, ghax ebda qorti ma ghandha, semplicement ghall-ghazz ta' parti jew ohra, tigi inundata b'sottomissjonijiet irrelevanti.

**Pregudizzjali**

**7.** Anke f'din il-kawza – bhal fil-kawzi 4/2007 u 6/2007, decizi llum minn din il-Qorti – hemm strettament il-kwistjoni sollevata *ex officio* fl-udjenza tat-18 ta' Settembru 2009, li trid tigi epurata. F'dik l-udjenza, wara li giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza, din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li ghamlet l-ordni ta' referenza lill-Prim Awla "x'aktarx ma

kellhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-appell li kellha quddiemha" u dan peress li kienu diga gew fis-sehh l-emendi fil-Kap. 88 li jipprovdu li l-appelli mill-Bord kellhom jinstemghu mill-Qorti ta' l-Appell komposta minn tlett Imhallfin u mhux, kif kienet dik il-Qorti meta ghamlet l-ordni ta' referenza, komposta minn Imhallef wiehed. Fl-imsemmija udjenza tat-18 ta' Settembru 2009 din il-Qorti stiednet lill-partijiet jiddikjaraw jekk, minkejja dan, huma jaqblux li l-appell xorta wahda jinstema' u jigi deciz minn din il-Qorti, u, f'kaz li ma jaqblux, biex l-istess partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar il-kwistjoni jekk l-ordni ta' referenza kienx fic-cirkostanzi wiehed validu jew le. Dwar din il-kwistjoni saru sottomissjonijiet fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2009 mid-difensuri tal-partijiet.

**8.** Din il-Qorti, wara li ezaminat id-disposizzjonijiet relattivi, hi tal-fehma li ma tirrizulta ebda invalidita` fir-rigward tal-ordni ta' referenza kif originarjament maghmul, anke jekk il-Qorti tal-Appell li ghamlitu kienet komposta minn Imhallef wiehed. Fir-rikors tal-appell quddiem dik il-Qorti – u tajjeb li jigi osservat li l-Qorti tal-Appell, sia jekk komposta minn tliet Imhallfin u sia jekk komposta minn Imhallef wiehed, hija qorti wahda (Artikolu 3(b), Kap. 12) – tqajmu kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali li l-Qorti tal-Appell, sia jekk komposta minn Imhallef wiehed u sia jekk komposta minn tlieta, ma kienitx kompetenti li tiddeciedi u li allura bilfors kellha tirreferi, permezz ta' ordni ta' referenza, lill-Prim Awla. Ghalhekk, ghall-finijiet tal-ordni ta' referenza li effettivament sar, il-Qorti ta' l-Appell, anke jekk kienet komposta minn Imhallef wiehed biss, kienet kompetenti li taghmel dak l-ordni, u dana qed jinghad ukoll anke ghall-finijiet effetti kollha tal-Artikolu 774 tal-Kap. 12. Ghandu jigi osservat, inoltre, li ebda wahda mill-partijiet qatt ma qajmet, la quddiem il-Qorti tal-Appell li ghamlet l-ordni u lanqas quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz ta' dak l-ordni kellha tidderimi punti ta' indoli kostituzzjonali, xi eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti wahda jew l-ohra, jew xi eccezzjoni ta' nullita` tal-proceduri jew tal-atti. Illum, il-kawza tinsab fl-istadju ta' appell <u>mid-decizjoni tal-Prim Awla</u>. Anqas jista' jinghad li kien hemm xi nuqqas ta' "kompetenza" jew ta' "gurisdizzjoni" ghall-finijiet tal-Artikoli 798 u 790 tal-

imsemmi Kap. 12, ghax, kif inghad, il-kwistjonijiet sollevati bilfors u necessarjament kellhom jigu riferiti lill-Prim Awla. Ghalhekk, l-ordni ta’ referenza li sar kien wiehed validu, il-Prim Awla kienet kompetenti li tiehu konjizzjoni tieghu (kif effettivament ghamlet), u din il-Qorti ghandha ghalhekk tghaddi biex tiehu konjizzjoni tal-appell li interpona l-Kummissarju tal-Artijiet. Ovvjament, wara din il-Qorti tiddeciedi dana l-appell, l-atti jigu rinvjati lill-Qorti ta’ l-Appell u r-Registraur ghandu jiehu hsieb li dawn igibhom quddiem il-Qorti ta’ l-Appell komposta minn tliet Imhallfin.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

**9.** Ghal dak li jikkoncerna l-kawza odjerna, fir-risposta ta’ l-appell taghhom, l-intimati appellati kkummentaw b’mod pjuttost superficjali li *“huwa stramba* (recte “stramb”) *li l-Gvern jgib ilment li fir-rigward tieghu gew lezi xi drittijiet fondamentali ghaliex se maj huwa l-awtorita` li tiggarantixxi dawk id-drittijiet u ma jistax jkun passiv ta’ l-ebda lesjoni ta’ drittjiet fondamentali.”*

**10.** L-intimati appellati ghamlu wkoll din l-istess osservazzjoni fir-risposta ta’ l-appell taghhom fil-proceduri ta’ l-appell fl-istess ismijiet, rikors numru 4/2007 – kawza, kif inghad, deciza llum. Ghaldaqstant, a skans ta’ ripetizzjoni inutli, qed issir piena riferenza ghall-kunsiderazzjonijiet hemm maghmula taht it-titlu “Ir-Raba’ Aggravju” (paragrafi **48** sa **60**) u ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom din il-Qorti f’dik il-kawza.

## Decide

**11.** Ghar-ragunijiet premessi, u ghalhekk mhux necessarjament ghar-ragunijiet migjuba mill-Prim Awla fis-sentenza appellata, din il-Qorti tichad l-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet u tikkonferma, dwar il-meritu, is-sentenza appellata. Kwantu ghall-ispejjez, dawk ta’ prim istanza jibqghu kif decizi mill-Prim Awla (cioe` jithallsu mill-appellant Kummissarju tal-Artijiet) mentri dawk ta’ dana l-appell, ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu **6** tal-odjerna sentenza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Qorti ta' l-Appell (komposta kif suppost) ghalbiex dik il-Qorti tkompli tisma' l-appell.

Deputat Registratur
LB

**Appendici**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, Rikors Numru 5/07, fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto deciza fis-27 ta' Novembru 2008, qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------